# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Leġislatura

Laqgħa Numru 3/2020

18 ta' Marzu, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat

| | |
|---|---|
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ma kienx ser jattendi għal laqgħa. Huwa ġie skużat.

3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 2.3.11 punt 10 (e-mail mingħand Janice Azzopardi) huwa qal illi kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti, hu kien kiteb lit-3 kazini li għandna fir-raħal dwar l-allegazzjonijiet tas-Sinjura Janice Azzopardi.

3.3 Kominikazzjoni mis-Sindku

3.3.1 Is-Sindku qal illi l-laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni l-Onorevoli Owen Bonniċi kellha ssir permezz ta' messenger. Is-Sindku qal illi din il-laqgħa kienet ser issir sabiex inkunu nistgħu naraw x'għajnuna jista' jingħata għal lokalita' tagħna. Is-Sindku qal illi diġa' kien avviċina l-kap tal-Iskola sabiex inkunu nafu wkoll l-bżonnijiet tal-Iskola.

3.3.2 Is-Sindku qal illi xtaq illi jagħti update tal-miżuri illi l-Kunsill kien ħa rigward il-pandemija tal-Coronavirus. Saret diskussjoni rigward kif il-Kunsill seta' jibqa' jkun ta' għajnuna u servizz għaċ-ċittadin f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

3.3.3 Is-Sindku qal illi xtaq jagħti update fuq żewġ laqgħat li kellu l-Kunsill. Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-laqgħa mal-Perit Dr. Antoine Zammit u kif ser isir is-survey tal-pjazza u t-traffic management tar-raħal kollu. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi minħabba fil-pandemija ma kinitx baqgħet tagħmel sens illi s-survey isir wara l-Għid il-Kbir imma għandu jkun pospost indefenit.

3.3.4 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien iltaqa' mal-assistent tal-Perit tal-Kunsill il-ġdid. Huwa qal illi waqt il-laqgħa gew diskussi l-proġetti li l-Kunsill għandu f'moħħu jagħmel b'enfasi speċjali għal proġett tar-roundabout tal-Karwija peress li konna ser napplikaw taħt l-iskema tal-Planning Authority. Is-Sindku qal illi peress illi l-ħsieb tal-Kunsill kienet li nkabbru l-istess roundabout ġejna mgħarrfa li qabel irid isir studju jekk ir-roundabout tistax titkabbar. Is-Sindku qal illi l-perit kien tana stima ta' dan l-survey għal prezz ta' 850 Euros.

Il-Viċi Sindku qal illi survey fuq l-istess post kien diġa' sar f'leġislatura preċedenti sabiex ma nirrepetux xogħol li diġa kien sar. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi għandna nsaqsu lil MIP għal dan is-survey li sar meta kienet qed issir it-triq u jekk ma jinstabx il-kunsill iddecieda li għandna nipproċedu sabiex nagħmluh għaliex inkella nkunu restretti x'nistgħu nagħmlu bħala tisbiħ tar-roundabout.

3.3.5 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-perit ta' Infrastructure Malta rigward Triq San Gwann. Is-Sindku spjega illi fuq suġġeriment tal-perit jistgħu jsiru culverts u hekk l-ilma jkun jista' jmur dirett għal ġibjun.

3.3.6 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba sabiex isiru double yellow lines fi Triq Dun Karm Lia quddiem il-garaxxijiet għaliex is-sidien qed ikollhom problemi bil-karozzi pparkjati quddiemhom sabiex joħorġu mill-garaxxijiet. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel illi għandna nagħmlu l-linji sofor pero' qabel għandna nitolbu r-residenti li jagħmlu dikjarazzjoni li jridu id-double yellow lines quddiemhom.

3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilieri

3.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet irċiviet ilment illi l-lasti li għandna fil-grawnd tal-futbol mhumiex siġuri kif suppost u għandhom ikunu marbuta mal-art.

3.4.2 Il-Kunsillliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet meta kienet ser tinqala' s-siġra tal-pjazza. Is-Sindku qal illi konna għadna qiegħdin niġbru l-kwotazzjonijiet sabiex nikru cherry picker darba sabiex jinżabru s-siġar kollha li għandhom bżonn żabra.

3.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet lill-Kunsill jekk konniex ħadna mill-iskema tal-*LC Care Project Grant Scheme*. Is-Sindku qal illi l-Kunsill tagħna ma kienx ibbenfika minn din l-iskema pero' kellu konferma illi din l-iskema kienet ser terġa' toħroġ anki din is-sena. Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema u r-regoli ta' kif il-quddiem għandhom jitqassmu l-fondi lill-feeders.

3.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi hekk kif hawn il-bandli magħluqa l-Kunsill għandu jieħu l-okkażżjoni u jagħti manutenzjoni lill-bandli u l-każka anki jekk għandu jinqala' l-madum sabiex l-vaska ma tibqax titlef l-ilma. Is-Sindku qal illi l-istess każka konna ilna nippruvaw nirranġawha pero' ser jara x'jista' jsir.

3.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa min kien qiegħed jagħmel maintenance lil-librerija li hemm fil-bandli. Is-Sindku qal illi parti mix-xogħol tal-librara huwa li tieħu ħsieb darba fil-gimgħa tara hemm xi kotba mhumiex addattati ghat tfal. Pero' huwa qal li għal issa ma tagħmilx sens li npoġġu l-kotba peress li l-bandli jinsabu magħluqin minħabba l-pandemija.

3.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-bankina fi Triq il-Kuċċard li żżomm l-ilma meta kienet ser issir. Is-Sindku qal illi din il-bankina kienet diga' inqelgħet sabiex issir mill-gdid max-xogħolijiet tat-triq.

3.5 Jum Ħal Safi

Is-Sindku qal illi minħabba illi Jum Hal Safi niċċelebrawh f'April, ser ikun fi żmien meta l-probabilita' hija li ma nkunux nistgħu niċċelebrawh. Il-Kunsill iddiskuta Jum Ħal Safi u qabel illi għal din is-sena għandna nipposponu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet minħabba fil-pandemija tal-Covid-19.

Is-Sindku qal illi anki Festa Qamar il-Għasel din is-sena mhux ser ikun facli li ngħidu meta l-aħjar issir ghaliex nhar il-Hadd 3 ta' Mejju huwa qrib wisq biex inkunu ċerti li nkunu nistgħu nagħmluha. Is-Sindku qal illi qed jingħata l-parir sabiex nipposponu din l-attivita' għal Ottubru.

3.6 Ingaġġ għal Fattiga tal-Kunsill

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet illi l-kuntratt għat-tindif tal-premises tal-Kunsill kien ser jiskadi u peress illi l-binja tal-Kunsill kienet kibret ħafna kien qed jinħtieg li ndaħħlu l-fattiga għal aktar sigħat sabiex jinżamm nadif. Minħabba f'hekk is-Segretarju Ezekuttiv issugerixxiet illi il-Kunsill jimpjega fattiga part-time fi skala 18. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx jinħtieg illi l-Kunsill jaqbel illi jsir is-Survey tal-pjazza. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diga' kien qabel illi nagħmlu s-survey u kull ma kien jonqos kien li jsir agreement mal-Perit u naraw meta ser inkunu f'pożizzjoni li nibdew minħabba il-covid-19.

3.7 Korrispondenza

Is-Segretarju Ezekuttiv tat kopja tal-lista tal-korrispondenza tal-Kunsill u saret diskussjoni fuq xi e-mails li l-Kunsill kien ircieva.

3.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

3.9 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgha ntemmet fis-6.58pm. Laqgha li jmiss ser tkun nhar il-Hamis 30 ta' April, 2020 fil-5.00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv